25 ta' April, 1950

Imhallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Emmanuele Busuttil versus Francesco Merciece**

**Sentenza — Nullità — Att Gudizzjarju — Preskrizzjoni — Perizja — Nota ta' l-Osservazzjonijiet — Art. 731 u 792 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti mhix obligata taċċetta noti ta' osservazzjonijiet; u għalhekk, meta l-Qorti ma tammettix dik in-nota, il-kontenut tagħha ma jis-sibx quddiem il-Qorti.*

*Eċċezzjonijiet formali, bħal ma hija l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ma għandhomx jingħataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali proċedurali. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tkunx mogħtija formalment qisha mhijiex quddiem il-Qorti, u l-Qorti ma hix tenuta tiddeċidiha; għax il-preskrizzjoni ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti "ex ufficio". Għalhekk ukoll, mhix nulla s-sentenza li ma tiddeċidix b'kap separat l-eċċezzjoni tal-preskriz-zjoni, meta din l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet mogħtija formalment.*

*L-eċċezzjoni tan-nullità ta' att ġudizzjarju, bħal ma hija perizja, għandha ukoll tiġi deċiża b'kap separat qabel jew mas-sentenza tal-meritu. Din l-eċċezzjoni tista' tingħata jekk l-att ikun fih vjolaz-zjoni ta' forma meħtieġa mill-liġi, anki mhux taħt piena ta' nul-lità, kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. U jekk dak il-preġudizzju ma jistax jissewwa b'mod ieħor, allura jkun hemm lok għall-annullament tas-sentenza.*

Il-Qorti — Fuq it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £3. 8. 0, kwantu għal £2. 18. 0 valur ta' benefikati li l-attur ħalla fiż-żewġ għelieqi mqabblin għandu, ta' proprjetà tal-konvenut, u kwantu għal 10s. nofs ta' dritt u spejjeż ta' l-istima ta' l-istess benefikati (dok. A u B). Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-18 ta' Awissu 1949, fejn hemm rias-sunti t-talba ta' l-attur u l-eċċezzjoni tal-konvenut, li biha ġie dikjarat :— 1. Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, fil-mod kif ġiet mogħtija mill-konvenut, għandha tiġi kunsidrata qisha ma kie-net qatt mogħtija, u għalhekk il-Qorti asteniet ruħha milli tie-

hu konjizzjoni minnha, bl-ispejjeż ta' dan l-inċident kontra l-konvenut; 2. Illi l-attur ħalla benefikati fl-għelieqi tal-konvenut, li tagħhom għandu jiġi minn dan kompensat, salv kull ... itt talvolta spettanti lill-istess konvenut għall-ispejjeż ġudizzjarji u kull kreditu għal kawżi oħra li talvolta għandu kontra l-attur; 3. Illi l-ftehim pretiż ma' l-attur ma ġiex konkludentement pruvat, u konsegwentement l-istima dokument "A" magħmula mill-espert Magro fuq inkariku ta' l-attur biss hija stima in parti, li ma torbotx lill-konvenut; 4. U a spejjeż provviżorjament nofs għall-attur u nofs għall-konvenut ġie rimess il-proċess lill-perit legali Dr. Joseph Soler, bl-istess fakultajiet lilu ġà mogħtija bid-digriet tas-7 ta' Ġunju 1949, sabiex dana, bl-assistenza ta' l-espert agrikolu Pietru Vella, jistabbilixxi x'kienu l-benefikati agrikoli ta' koltura li l-attur ħalla fl-għelieqi in kwistjoni tal-konvenut u jistma l-valur ta' l-istess benefikati wara li jitnaqqas il-valur, jekk dan jirriżulta mill-provi, tad-demel li qalet li xeħtet Rosina Bonnici qabel ma żgombra l-attur. L-ispejjeż li ma ġewx deċiżi b'din is-sentenza jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tas-6 ta' Diċembru 1949, li ddeċidiet..........;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut... .......;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant, li wieġeb..........;

Rat in-nota ta' l-appellant fil-fol. 61 tal-proċess, li biha eċċepixxa n-nullità tas-sentenza appellata, fuq il-motivi illi l-Ewwel Qorti ma ddeċedietx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tan-nullità tal-perizja teknika—eċċezzjonijiet mogħtijin verbalment fis-seduta u in iskritt per mezz ta' nota preżentata b'rikors tat-30 ta' Novembru 1949;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi minn ebda parti tal-proċess ma jirriżulta li quddiem l-Ewwel Qorti ġiet mogħtija formalment l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Novembru 1949 l-Ewwel Qorti ppronunzjat ruħha fuq eċċezzjoni simili b'kap sepa-

rat, u wara dik is-sentenza ma sar ebda verbal u ebda nota ta' eċċezzjoni biex il-Qorti tieħu konjizzjoni u tkun tenuta tiddeċidi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; u la l-eċċezzjoni ma kienetx tirriżulta mill-proċess, l-Ewwel Qorti ma kellhiex l-obligu li tagħti deċiżjoni fuqha. U tabilħaqq, il-preskrizzjoni mhix sollevabili "ex officio";

L-appellanti jgħid li ta dik l-eċċezzjoni f'nota ta' osservazzjonijiet. Iżda l-Qorti ma kienetx tenuta taċċetta noti ta' osservazzjonijiet, u fil-fatti ma aċċettathiex; u għalhekk, jekk f'dik in-nota ta' l-osservazzjonijiet ġiet mogħtija b'xi mod l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, la darba n-nota ta' l-osservazzjonijiet ma ġietx ammessa, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni lanqas ma kienet quddiem il-Qorti bl-ebda mod. Li kieku l-appellant veramment ried jagħti dik leċċezzjoni, messu ħa ħsieb li jagħtiha b'nota, jew jitlob li titniżżel b'verbal, meta l-Qorti ċaħditlu l-permess li jippreżenta nota ta' l-osservazzjonijiet. Għandu jingħad ukoll li l-eċċezzjonijiet formali lanqas ma għandhom jiġu mogħtija f'nota ta' osservazzjonijiet, fejn ordinarjament ikun hemm sempliċi argumenti fuq kwistjonijiet ġà mqanqla;

Għaldaqstant il-fatt li fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1949 il-Qorti ma qatgħet ebda eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma jirrendix dik is-sentenza nulla;

Ikkunsidrat;

Illi però, mill-proċess jirriżulta li l-appellant — konvenut quddiem l-Ewwel Qorti — kien ta formalment l-eċċezzjoni tannullità tal-perizja: għax għalkemm fil-verbal tad-29 ta' Novembru 1949 dik l-eċċezzjoni ma tniżżletx, u għalhekk il-Qorti ma tistax tgħid li tassew kienet ġiet mogħtija dak in-nhar, b'daqa kollu, fir-rikors tiegħu tat-30 ta' Novembru 1949 l-appellant tenna dik l-eċċezzjoni, billi rrikjama l-attenzjoni tal-Qorti għaliha (fol. 46). Għaldaqstant il-Qorti kellha quddiemha l-eċċezzjoni tan-nullità ta' att ġudizzjarju, jiġifieri tal-perizja; u skond l-art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili kellha l-obligu preċiż li tiddeċidi dik l-eċċezzjoni b'kap separat, qabel jew fid-deċiżjoni tal-meritu;

Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti ma ddeċedietx dik l-eċċezzjoni, la qabel u lanqas fis-sentenza tal-meritu, u injorat dik l-eċċezzjoni għal kollox;

Illi skond l-art. 792 (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni tan-nullità tista' tingħata jekk l-att ikun fih vjolazzjoni ta' forma meħtieġa mill-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il-darba din il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xorta oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Fil-każ preżenti l-preġudizzju ma jistax jissewwa ħlief bl-annullament tas-sentenza. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1949 għandha fondament tajjeb in kwantu għar-raġuni ta' ommissjoni ta' deċiżjoni fuq dik l-eċċezzjoni ta' nullità tal-perizja;

Ikkunsidrat;

Illi biċ-ċitazzjoni l-appellant talab ukoll ir-riforma tas-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-18 ta' Awissu 1949;

Illi però minn dik is-sentenza huwa ma appellax, għax ma għamelx in-nota ta' l-appell minnha, u lanqas ħa ħsieb għall-introduzzjoni ta' l-atti skond il-liġi. Għaldaqstant dik it-talba hija irrita u inattendibili;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' s-sentenza billi tiddikjara irrita u inattendibili t-talba għar-riforma tas-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tat-18 ta' Awissu 1949, u tiċħad għalhekk dik it-talba, bl-ispejjeż kontra l-appellant; u tilqa' l-appell ta' l-appellant rigward is-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta' Diċembru 1949, fis-sens li tiddikjara nulla dik is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1949 tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, u għalhekk tirrevokaha, bl-ispejjeż kontra l-appellat; u tordna li l-kawża tintbagħat quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla skond il-liġi.

---